

Brussell, 6 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8990/26

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0271 (COD)**

---

---

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 171 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 171 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 171 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.4.2026  
COM(2026) 171 final

2023/0271 (COD)

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea**

**li tikkonċerna**

**l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

**l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

### 1. KUNTEST

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2023) 443 final – 2023/0271 COD): 12 ta' Lulju 2023.

Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: 25 ta' Ottubru 2023.

Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari: 12 ta' Marzu 2024.

Id-data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata: Mhux applikabbli.

Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill: 21 ta' April 2026.

### 2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Din il-proposta hija azzjoni ewlenija tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti. L-għan ewlieni tagħha hu li tistabbilixxi qafas biex il-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja u t-traffiku ferrovjarju jkunu jistgħu jitmexxew b'mod aktar effiċjenti, ħalli titjieb il-kwalità tas-servizzi u jiġi akkomodat aktar traffiku fuq in-network ferrovjarju. Hu kruċjali li dan l-għan jintlaħaq biex jiġi żgurat li s-settur tat-trasport jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni.

### 3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fit-18 ta' Novembru 2025. Il-Kummissjoni taċċetta l-qbil ġenerali. L-emendi ewlenin tal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni huma:

- **Rwol aktar b'saħħtu tal-amministrazzjonijiet nazzjonali** fl-istabbiliment ta' rekwiżiti ġenerali għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja (eż. l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-infrastruttura tiżviluppa skeda tal-ħinijiet b'intervalli regolari, jew li tirriżerva ammont minimu ta' kapaċità tal-infrastruttura għal ċerti segmenti tas-suq). Madankollu, dawn il-prerogattivi huma ddefiniti b'mod strett, ma jaffettwawx ir-responsabbiltajiet operattivi tal-manigġers tal-infrastruttura u jridu jħallulhom marġni suffiċjenti ta' indipendenza.

- Ġiet introdotta deroga wiesgħa mir-regoli tar-Regolament għal **finijiet militari u tad-difiża**.
- Ġew introdotti regoli dwar il-kalkolu u l-limitu massimu tal-**penali** li huma dovuti meta jsiru bidliet fil-kapaċità allokata. Madankollu, tinżamm in-natura reċiproka tas-sistema ta' penali, u r-regoli dwar il-kalkolu u l-limiti massimi ma jxnejnux is-sistema ta' penali mill-effett ta' inċentiv tagħha.
- Fir-rigward tal-**governanza**, ġiet introdotta entità ġdida msejja "Pjattaforma Ferrovarja Ewropea" bil-ħsieb li tiffaċilita l-konsultazzjoni tal-utenti tan-network ferrovarju mill-manigġers tal-infrastruttura ferrovarja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni mhux se jibqa' jkollha l-presidenza unika tan-Network Ewropew tal-Korpi Regolatorji Ferrovarji (ENRRB) iżda se tikkopresiedi ma' regolatur nazzjonali.

#### 4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni taċċetta r-riżultati tan-negożjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. Apparti dan, kif maqbul matul in-negożjati interistituzzjonali, il-Kummissjoni se toħroġ dikjarazzjoni mal-adozzjoni tar-Regolament. Din se tindika li l-Kummissjoni se tivvaluta s-sinerġiji bejn il-kompiti u l-kompetenzi tal-Aġenzija tal-UE għall-Ferrovi, kif stabbilit skont il-mandat attwali tagħha, u r-rekwiżiti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Din id-dikjarazzjoni hija riprodotta fl-anness.

## ANNEX

Dikjarazzjoni li għandha ssir mill-Kummissjoni mal-Adozzjoni tar-Regolament:

*“Il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tivvaluta s-sinerġiji li jeżistu bejn il-kompiti u l-kompetenzi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) stabbilita fil-qafas tal-mandat attwali tagħha skont ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-rekwiżiti għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament bil-ħsieb li titlob l-appoġġ tal-ERA fl-attivitajiet relatati mal-ħidma preparatorja għal-leġiżlazzjoni sekondarja u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni. F’dan ir-rigward il-Kummissjoni tinnota li d-data miġbura u mmonitorjata mill-ERA fil-mandat attwali tagħha, kif ukoll l-għodod ta’ analiżi tal-ERA, jistgħu jintużaw ukoll biex jiġi mmonitorjat l-użu tal-kapaċità, biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tas-settur ferrovjarju, u biex tiġi appoġġata t-tnejn tal-leġiżlazzjoni sekondarja, u b’hekk jiġu evitati d-duplikazzjonijiet fil-għbir tad-data, il-ħżin u l-għodod għall-analiżi, fi spirtu ta’ simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar.”*